MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2321/2002

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Richard Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Settembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm110.53) u fejn intqal:**

**Illi fl-1 ta' Gunju, 2000, l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gja Awtorita` ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF 636/00, kopja annessa mal-avviz markata bhala Dok.IJS1, f'isem il-konvenut;**

**Illi l-istess Awtorita` attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta’ l-Att numru I ta’ l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta’ l-Att numru XXI ta’ l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettiq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma dak li ntalab minnu fl-istess Avviz;**

**Illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita` attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal elf u mija u ghaxar liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1110.53), u dan kif jidher mill-annessa Invoice No.1958 datata 16 ta’ April, 2001 markata bhala Dok.IJS2;**

**Illi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa’ inadempjenti;**

**Ghalhekk talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta’ elf u mija u ghaxar liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1110.53) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar, 2002.**

**Ra li l-konvenut deher fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2003 u ddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Illi dakinhar li deher il-konvenut il-kawza giet differita ghall-provi. Illi sussegwentement il-konvenut ma regax deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Joe Agius ghall-Awtorita` attrici, u fit-18 ta’ Frar, 2003 il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut, u fin-nuqqas ghas-sentenza. Illi l-konvenut baqa’ ma ressaqx il-provi tieghu. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Mix-xhieda ta’ Joe Agius, Enforcement Officer ma’ l-Awtorita` attrici, spjega li kienet harget**

**"enforcement notice" fl-1 ta' Gunju, 2000, Dok.IJS1. Ma sar ebda appell minn tali "enforcement notice".**
**2. Jirrizulta li fil-5 ta' Marzu, 2001 intbaghtet ittra mill-Assistant Direttur ta' l-Awtorita` il-Perit Stephen Farrugia, dwar li l-Awtorita` kien bi hsieba tenforza l-ordni.**
**3. Jirrizulta li l-konvenut baqa' ma nehhiex dak li kien ordnat inehhi, u ghalhekk l-awtorita` kellha tesegwixxi x-xogholijiet hi.**
**4. Jirrizulta li x-xoghjolijiet saru mill-Awtorita` fit-8 ta' Marzu u fid-9 ta' Marzu, 2001, u wara harget invoice datata 16 ta' April, 2001 ghall-ammont mitlub f'din il-kawza.**
**5. Jirrizulta lil-Awtorita` ezegwiet ix-xogholijiet skond ma jirrizulta mid-Dok.IJS3 esibit. Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' elf u mija u ghaxar liri Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1110.53) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------